# L-ARKITETT INĠ. TAL-KNISJA L-ĠDIDA

## *Ugo Mallia*

### *Dun Karm Cassar*

Minkejja, li fl-istorja ta' raħalna, aħna daqqa nsemmu t-tali persunaġġ u daqqa l-ieħor, jiena jidhirli li nkunu nonqsu ħafna, jekk mal-persunaġġi li sawru l-istorja ta' Għajnsielem ma nsemmux magħhom lill-Arkitett Inġ. Ugo Mallia.

Jiena ma' għandix xi tagħrif kbir dwar dan l-arkitett u anqas xi lista twila tal-proġetti li hu ddisinja u ippjanta f'ħajtu, jew forsi jinsabx xi mafkar lilu ddedikat f'pajjiżna, imma nħoss li nista' ngħid b'ċertezza, jekk xi ħadd jixtieq jagħraf il-ħila tiegħu jiġi Għajnsielem u jagħti daqqa t'għajn, kemm fuq barra, iżda iżjed fuq ġewwa tal-knisja monumentali tagħna, iddedikata lil Marija Lawretana. Hi ħasra kif il-Kunsill Ċiviku ta' Għajnsielem naqas isemmi almenu mqar triq b'tifkira tiegħu.



Fl-għoxrinijiet din il-knisja ġiet ipproġettata mill-perit Mallia fuq stil Gotiku nspirat minn stil Lombard u minkejja li mal-medda taż-żmien saru xi tibdiliet mhux tant kbar mis-Sur Ġuże' Damato fil-faċċata u fil-koppla mill-Perit Ellul Vincenti u xi ħaġa oħra żgħira fl-entratura interna, il-bqija baqa' kollox fuq l-oriġinal tal-Inġ. Ugo Mallia.

Il-perit Ugo Mallia twieled fil-Belt Victoria u ġie mgħammed fil-parroċċa, li llum hija l-Bażilika ta' San Ġorġ għall-ħabta tas-sena 1887. Ugo hu iben is-Sur Emmanuel u s-Sinjura Marija nee' Mizzi, membru fost familja ta' professjonisti, li kien joqgħod fil-Belt Valletta nru. I06 Strada Vescovo, li tagħmel mal-Parroċċa ta' Santa Marija tal-Portosalvo u ta' San Duminku. L-Inġ. U. Mallia kien miżżewweġ lis-Sinjura Julia u miet fl-Isptar tal-Blue Sisters fid-29 ta' Jannar 1964 fl-età ta' 77 sena, u jekk qed niftakar sew l-Arċ Espedito Tabone kien qaddislu quddiesa kantata "Pro Defunctis" f'din il-knisja.

F'Għawdex dan il-perit kien magħruf għax kif insibu fil-ktieb tal-Istoriku, Rev. Dr. J .Bezzina 'Sannat fi Ġrajjiet Għawdex' paġina 431 dan il-Perit Mallia kien id-disinjatur tal-koppla ta' Sannat li tixbaħ lill-koppla tal-Chiesa di Gesu li tinsab f'Ruma u li hi tal-magħruf arkitett Vignola. Is-Sannatin iqisu l-koppla tagħhom bħala l-inkorunament tal-Arċipriet tagħhom Vella, allura għalihom żgur li hija wkoll l-inkorunament tal-Perit Mallia, għaliex le?

Barra mill-proġett tal-knisja monumentali tagħna, ix-xogħol li naf bih li Mallia għamel f'Għawdex hu r-restawrar kważi totali tal-Knisja Arċipretali tal-Qala, li skond "Ġrajjiet il-Qala" ta' Anton Buttiġieġ P.E.P. sar fuq pjanta ta' Mallia u li hu ta' stil rinaxxentali fil-bini tan-navi, fit-tkabbir tal-korsija u tal-faċċata, xogħol li kien spiċċa fis-sajf tas-sena 1933.

L-aħħar xogħol li għamel għal Għajnsielem, almenu safejn naf jiena, hu d-disinn tal-bieba tat-tabernaklu tal-artal il-maġġur tal-knisja l-qadima tagħna. Hu sew li wkoll ngħidu li biex ipproġetta l-knisja tagħna l-kbira l-Inġ. Ark. Ugo Mallia mar flimkien mal-kappillan Mizzi fil-Belt ta' Loreto biex lill-knisja li kien se jfassal jagħtiha xi tip ta' xebħ bħal dik li tinsab fl-Italja fuq il-Għolja Lawretana.

Nispiċċa dan l-artiklu billi nagħti xi qisien tal-knisja li Mallia ipproġetta għall-parroċċa tagħna fiż-żmien il-Kappillan Franġisk Mizzi. Kif kien qalli l-bennej Leli Saliba, Bufajra, mill-bieb il-Maġġur sat–twieqi tal-kor hemm 200 pied tul, il-kampnar hu għoli 200 pied u l-koppla 85 pied.

Xi kalkoli mbagħad li għamel ieħor qalli li kull kappellun għandu tul ta' 57 pied, u mit-twieqi tal-kappellun għall-ieħor hemm 144 pied għax il-wisa' tal-korsija hu 30 pied. Ta' qabilna bdewh oħrajn komplewh u tallum baqgħu dejjem iżejnuh. Qisu xi miraklu kif raħal mhux tant kbir irnexxielu jasal sa hawn. Grazzi lil Mulej u lil Marija